IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.2.2025
COM(2025) 49 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward il-modifika tal-Appendiċi XVII-3 (ir-Regoli applikabbli għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni) tal-Anness XVII ta' dan il-Ftehim

DOKUMENT MEHMUŻ

ABBOZZ
DEĊIŻJONI Nru X/2025
TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-UKRAJNA
FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ta' xxx 2025

li timmodifika l-Appendiċi XVII-3 (ir-Regoli applikabbli għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni)
tal-Anness XVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda,
u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONĠURAZZJONI TAL-KUMMERĊ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Kumitat għall-Kummerċ"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 465(3) tiegħu u l-Artikolu 11 tal-Anness XVII tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.

(2) L-Artikolu 1(2), il-punt (d), tal-Ftehim jipprevedi li l-għan tal-Ftehim huwa, fost oħrajn, li jappoġġa l-isforzi tal-Ukrajna biex titlesta t-tranżizzjoni lejn ekonomija tas-suq li tiffunzjona permezz ta', fost oħrajn, l-approssimazzjoni progressiva tal-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni.

(3) Fl-Artikolu 124 tal-Ftehim, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Ukrajna ma' dik tal-Unjoni fis-settur tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni. L-Ukrajna impenjat ruħha li tiżgura li l-liġijiet eżistenti u l-leġiżlazzjoni futura tagħha jkunu kompatibbli mal-acquis tal-Unjoni. Tali approssimazzjoni hija prevista li gradwalment testendi għall-elementi kollha tal-acquis tal-Unjoni msemmija fl-Appendiċijiet XVII-2 sa XVII-5 tal-Anness XVII tal-Ftehim u jenħtieġ li, ladarba jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għaliha, twassal għall-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna fis-suq intern tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-għoti reċiproku tat-trattament tas-suq intern f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII tal-Ftehim.

(4) L-Ukrajna talbet aktar integrazzjoni fir-rigward tar-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fl-Unjoni, b'mod partikolari t-trattament tas-suq intern għall-fini tar-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli.

(5) Sabiex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni gradwali tal-Ukrajna lejn il-promulgazzjoni sħiħa u l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet applikabbli għas-settur tat-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari dawk dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi

tal-komunikazzjoni mobbli, id-Deċiżjoni 1/2023 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ([1]) ikkomplementat l-Appendiċi XVII-3 (ir-Regoli applikabbli għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni) tal-Anness XVII tal-Ftehim mal-atti rilevanti tal-Unjoni relatati mar-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli.

(6) Skont l-Artikolu 4(2) tal-Anness XVII tal-Ftehim, fis-7 ta' Novembru 2024, l-Ukrajna nnotifikat lill-Unjoni li qieset li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-promulgazzjoni u l-implimentazzjoni tal-acquis tal-Unjoni u talbet lill-Unjoni twettaq valutazzjoni komprensiva fis-settur tar-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli.

(7) Abbażi tal-valutazzjonijiet u l-monitoraġġ regolari skont l-Appendiċi XVII-6 u l-valutazzjoni li għaddejja bħalissa skont l-Artikolu 4(2) tal-Anness XVII, u filwaqt li jitqies l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna, huwa xieraq li jiġu introdotti ċerti adattamenti speċifiċi addizzjonali għall-Parti A tal-Appendiċi XVII-3.

(8) Fid-dawl tad-diffikultajiet partikolari li qed tiffaċċja l-Ukrajna, bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni Russa, huwa xieraq li l-Ukrajna tingħata żmien addizzjonali biex timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(1), u l-Artikolu 30(6) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([2]), mingħajr ma tiġi posposta l-possibbiltà ta' deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII.

(9) L-adattamenti għall-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(1), u l-Artikolu 30(6) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 jipprovdu skadenza speċifika li fiha l-Ukrajna jeħtieġ li tieħu azzjoni ulterjuri bil-ħsieb li tissodisfa bis-sħiħ l-obbligi tagħha fir-rigward tal-approssimazzjoni regolatorja. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li fil-każ li jingħata trattament tas-suq intern skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII tal-Ftehim għar-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli, l-Artikolu 5(4) sa (6) tal-Anness XVII tal-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għall-adattamenti speċifiċi għall-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8(1), u l-Artikolu 30(6) tad-Direttiva (UE) 2018/1972.

(10) Ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/1972, tar-Regolament (UE) 2022/612 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([3]), tar-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([4]), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-

([1]) Id-Deċiżjoni 1/2023 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ tal-24 ta' April 2023 li timmodifika l-Appendiċi XVII-3 (ir-Regoli applikabbli għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni) tal-Anness XVII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra [2023/930] (ĠU L 123 tat-8.5.2023, p. 38, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2023/930/oj).

([2]) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1972/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2022/612 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2022/612/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2018/1971/oj).

Kummissjoni (UE) 2016/2286([5]) u tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/654([6]) mhumiex rilevanti għall-fini tal-obbligi tal-Ukrajna fir-rigward tal-approssimazzjoni regolatorja fis-settur tas-servizzi tar-roaming. Biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, huwa xieraq li jiġi speċifikat liema dispożizzjonijiet huma rilevanti fl-Appendiċi XVII-3. Dan isir mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Ukrajna li timplimenta bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2018/1972 għall-fini ta' deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII.

(11) Id-data ta' maturità għall-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1972 mill-Ukrajna skadiet fil-31 ta' Diċembru 2024. Għalhekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita skeda ta' żmien ġdida bil-ħsieb taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Ukrajna.

(12) Wara l-għoti ta' trattament tas-suq intern għar-roaming, it-tariffi medji tar-roaming bl-ingrossa stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/612 u r-rati ta' terminazzjoni stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/654 jistgħu jkunu soġġetti għal emendi. Biex tiġi żgurata r-reċiproċità fir-rigward tal-livell tat-tariffi medji tar-roaming bl-ingrossa jew tar-rati ta' terminazzjoni applikabbli bejn l-impriżi matul il-perjodu meħtieġ biex l-Ukrajna tittrasponi u timplimenta kwalunkwe emenda fis-sistema legali domestika tagħha, jeħtieġ li jiġu pprovduti regoli speċifiċi għad-data tal-applikabbiltà tar-regoli għat-tariffi medji tar-roaming bl-ingrossa jew għar-rati ta' terminazzjoni emendati.

(13) L-approċċ adottat mill-Ukrajna fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-Unjoni msemmija fil-Parti A tal-Appendiċi XVII-3, wassal għal ċerti diskrepanzi testwali bejn ir-Regolamenti tal-Unjoni u l-atti li jinkorporawhom fl-ordni legali tal-Ukrajna. Huwa b'hekk meħtieġ li jiġi previst li, f'każ ta' kunflitt, it-test tar-Regolamenti tal-Unjoni jipprevali fuq it-test tal-att(i) li jinkorporahom fl-ordni legali tal-Ukrajna.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Appendiċi XVII-3 (ir-Regoli applikabbli għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni) tal-Anness XVII tal-Ftehim huwa b'dan modifikat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni ġiet stabbilita bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża,

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286 tal-15 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' politika tal-użu ġust u dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut u dwar l-applikazzjoni li għandu jressaq fornitur tar-roaming għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 46, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2016/2286/oj).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/654 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi rata massima unika għat-terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile madwar l-Unjoni u rata massima unika għat-terminazzjoni ta' telefonati fissi madwar l-Unjoni (ĠU L 137, 22.4.2021, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2021/654/oj).

Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża, Taljana, Ungeriża u Ukrena, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, [data]

Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ

Léon DELVAUX	*Mariella Cantagalli*
	Oleksandra NECHYPORENKO
Il-President	*Is-Segretarji*

ANNESS

Il-Parti A tal-Appendiċi XVII-3 hija sostitwita bit-test li ġej:

A. Politika Ewropea ġenerali dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi

Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([7]).

– teħid ta' miżuri leġiżlattivi, tekniċi u organizzattivi xierqa u proporzjonati, filwaqt li jitqies il-qafas tal-miżuri ppreżentati fi "Iċ-ċibersigurtà tan-networks tal-5G: Sett ta' għodod tal-UE ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji" ippubblikat wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/534([8]), fir-rigward tal-ġestjoni b'mod xieraq tar-riskji li jinħolqu għas-sigurtà tan-networks u tas-servizzi.

Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Ukrajna li timplimenta bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2018/1972 għall-fini ta' deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII, għall-fini ta' deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII:

– fir-rigward tal-indipendenza politika u r-responsabbiltà tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Ukrajna, l-Artikolu 8(1) għandu jiġi implimentat bis-sħiħ fi żmien ħames snin mid-data speċifikata f'deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ għall-għoti ta' trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII. B'mod partikolari, għandhom jiġu adottati miżuri mmirati lejn l-abolizzjoni tal-obbligu li atti legali regolatorji tal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Ukrajna jgħaddu mill-proċedura ta' reġistrazzjoni tal-istat mill-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Ukrajna. Dan l-adattament huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Ukrajna li timplimenta r-rekwiżiti l-oħra kollha stabbiliti fl-Artikolu 8(1).

– fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' terminazzjoni tal-mandat tal-membri tal-kulleġġ tal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Ukrajna, l-Artikolu 7(2) għandu jiġi implimentat bis-sħiħ fi żmien ħames snin mid-data speċifikata f'deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ għall-għoti ta' trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII.

– fir-rigward tas-setgħa tal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Ukrajna li tieħu miżuri interim urġenti biex tirrimedja s-sitwazzjoni qabel ma tasal għal deċiżjoni finali, meta jkollha evidenza ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ġenerali, l-Artikolu 30(6) għandu jiġi implimentat bis-sħiħ fi żmien ħames snin mid-data speċifikata f'deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ għall-għoti ta' trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII. Dan l-adattament huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Ukrajna li timplimenta r-rekwiżiti l-oħra kollha stabbiliti fl-Artikolu 30(6).

Fil-każ li l-għoti reċiproku ta' trattament tas-suq intern skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII tal-Ftehim għar-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli jiġi

([7]) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2018/1972/oj).

([8]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/534 tas-26 ta' Marzu 2019 Ċibersigurtà ta' networks 5G, (C/2019/2335) (ĠU L 88, 29.3.2019, p. 42, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reco/2019/534/oj).

qabel l-iskadenza tal-iskadenzi stabbiliti fil-punti 1 sa 3 hawn fuq, japplika *mutatis mutandis* l-Artikolu 5(4) sa (6).

Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Ukrajna li timplimenta bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2018/1972 għall-fini ta' deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII, għall-fini ta' deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII, jeħtieġ li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet li ġejjin tad-Direttiva (UE) 2018/1972:

– Artikolu 1 - Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u għanijiet,

– Artikolu 2 - Definizzjonijiet: il-punti (1) u (2), (4) sa (11), (13) sa (16), (22), (27) sa (34), (36), u (38) sa (40),

– Artikolu 3 - Objettivi ġenerali,

– Artikolu 5 - Awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet kompetenti oħra,

– Artikolu 6 - L-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u ta' awtoritajiet kompetenti oħra,

– Artikolu 7 - Ħatra u tneħħija ta' membri tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali,

– Artikolu 8 - Indipendenza politika u responsabbiltà tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali,

– Artikolu 9 - Kapaċità regolatorja tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali,

– Artikolu 10 - Parteċipazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-BEREC,

– Artikolu 11 - Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali,

– Artikolu 12 - Awtorizzazzjoni ġenerali ta' networks u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi,

– Artikolu 13 - Kondizzjonijiet stipulati mal-awtorizzazzjoni ġenerali u mad-drittijiet ta' użu għall-ispektrum tar-radju u għal riżorsi ta' numerazzjoni, u obbligi speċifiċi, ħlief kull referenza għad-drittijiet tal-użu tal-ispektrum tar-radju u r-riżorsi ta' numerazzjoni u l-kontroreferenzi għall-Artikolu 45, l-Artikolu 51, l-Artikolu 62, l-Artikolu 68, l-Artikolu 83, u l-Artikolu 94,

– Artikolu 14 - Dikjarazzjonijiet biex jeħfief l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' installazzjoni tal-faċilitajiet u tad-drittijiet ta' interkonnessjoni,

– Artikolu 15 - Lista minima tad-drittijiet derivanti mill-awtorizzazzjoni ġenerali,

– Artikolu 16 - Ħlasijiet amministrattivi,

– Artikolu 17 - Separazzjoni fil-kontabbiltà u rapporti finanzjarji,

– Artikolu 18 - Emendar tad-drittijiet u l-obbligi, ħlief kull referenza għad-drittijiet tal-użu tal-ispektrum tar-radju, ir-riżorsi ta' numerazzjoni u għall-installazzjoni tal-faċilitajiet,

– Artikolu 19 - Limitazzjoni jew irtirar tad-drittijiet, ħlief kull referenza għad-drittijiet tal-użu tal-ispektrum tar-radju, ir-riżorsi ta' numerazzjoni u għall-installazzjoni tal-faċilitajiet,

– Artikolu 20 - Rekwiżit ta' informazzjoni lill-impriżi,

– Artikolu 21 - Informazzjoni meħtieġa fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ġenerali, id-drittijiet tal-użu u l-obbligi speċifiċi, ħlief kull referenza għad-drittijiet tal-użu u l-obbligi speċifiċi u l-kontroreferenzi għall-Artikolu 13(2), l-Artikolu 22, u l-Anness I, il-partijiet D u E,

– Artikolu 23 - Mekkaniżmu ta' konsultazzjoni u trasparenza, ħlief (2) u l-kontroreferenzi għall-Artikolu 32(10), u l-Artikolu 45(4) u (5),

– Artikolu 24 - Konsultazzjoni mal-partijiet konċernati,

– Artikolu 25 - Riżoluzzjoni ta' tilwim barra mill-qorti,

– Artikolu 26 - Riżoluzzjoni ta' tilwim bejn impriżi,

– Artikolu 27 - Riżoluzzjoni ta'tilwim transfruntier, (1) u (2), u (4) sa (6),

– Artikolu 29 - Penali, (1),

– L-Artikolu 30 - Konformità mal-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ġenerali jew tad-drittijiet ta' użu għall-ispektrum tar-radju u tar-riżorsi ta' numerazzjoni u konformità ma' obbligi speċifiċi, ħlief kull referenza għad-drittijiet tal-użu tal-ispektrum tar-radju u r-riżorsi ta' numerazzjoni u l-kontroreferenzi għall-Artikolu 4, l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 45(1), l-Artikolu 47, l-Artikolu 67, u l-Artikolu 69,

– Artikolu 31 - Dritt ta' appell,

– Artikolu 59 - Qafas ġenerali għall-aċċess u l-interkonnessjoni,

– Artikolu 60 - Drittijiet u obbligi ta' impriżi, (1) u (2)

– Artikolu 61 - Setgħat u responsabbiltajiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet kompetenti oħra fir-rigward ta' aċċess u interkonnessjoni, (1), (2), il-punti (a) sa (c), (3), (5), u (6),

– Artikolu 75 - Ir-rati ta' terminazzjoni, (2) u (3),

– Artikolu 93 - Riżorsi ta' numerazzjoni, l-ewwel subparagrafu ta' (5),

– Artikolu 97 - L-aċċess għan-numri u għas-servizzi,

– Artikolu 99 - Nondiskriminazzjoni,

– Artikolu 100 - Salvagwardja tad-drittijiet fundamentali,

– Artikolu 108 - Id-disponibbiltà tas-servizzi,

– Artikolu 111 - Aċċess u għażla ekwivalenti għall-utenti finali b'diżabbiltà,

– Artikolu 120 - Pubblikazzjoni ta' informazzjoni,

– Artikolu 122 - Proċeduri ta' reviżjoni, it-tieni u t-tielet subparagrafi ta' (1),

– Anness I - Lista ta' kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stipulati ma' awtorizzazzjonijiet ġenerali, id-drittijiet ta' użu għall-ispektrum tar-radju u d-drittijiet ta' użu għal riżorsi ta' numerazzjoni, il-partijiet A sa C,

– Anness III - Kriterji għad-determinazzjoni ta' rati bl-ingrossa ta' terminazzjoni bil-vuċi.

Skeda ta' żmien: mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi speċifiċi relatati mad-dispożizzjonijiet rilevanti għat-trattament tas-suq intern għar-roaming, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/1972 għandhom jiġu implimentati sal-31 ta' Diċembru 2028.

Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([9]).

– L-implimentazzjoni tal-Artikoli 2 sa 6 tar-Regolament (UE) 2015/2120.

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2015/2120 għandhom jiġu implimentati sal-31 ta' Diċembru 2025.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE([10]).

– monitoraġġ ta' kompetizzjoni leali fis-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, b'mod partikolari rigward prezzijiet orjentati lejn l-ispejjeż għas-servizzi.

Id-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([11]).

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tal-atti ta' hawn fuq għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([12]).

Id-Direttiva 2000/31/KE tkopri s-servizzi kollha tas-soċjetà tal-informazzjoni, kemm minn negozju għal negozju kif ukoll min-negozju għall-konsumatur, jiġifieri kwalunkwe servizz li normalment jiġi fornut għal remunerazzjoni, mill-bogħod, permezz ta' mezzi elettroniċi u fuq talba individwali ta' riċevitur ta' servizz.

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/31/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([13]).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2015/2120/oj).

([10]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU L 249, 17/09/2002, p. 21, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2002/77/oj).

([11]) Id-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kundizzjonali (ĠU L 320, 28.11.1998, p. 54, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1998/84/oj).

([12]) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (''Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku'') (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2000/31/oj).

Skeda ta’ żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/61/UE għandhom jiġu implimentati sal-31 ta’ Diċembru 2021.

Ir-Regolament (UE) 2022/612 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([14]).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2022/612 għandhom, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej: L-Artikolu 1(4) jirreferi għar-rati tal-kambju ta’ referenza ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Sakemm il-Bank Ċentrali Ewropew ma jippubblikax ir-rati tal-kambju għall-hryvnia Ukrena, ir-rati tal-kambju bejn l-euro u l-hryvnia Ukrena ppubblikati mill-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna għandhom jintużaw għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1(4). Il-perjodi ta’ referenza u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(4) jibqgħu l-istess.

L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha bl-eċċezzjoni ta’:

– Artikolu 1 - Is-suġġett u l-kamp ta’ applikazzjoni, (5),

– Artikolu 3 - Aċċess għar-roaming bl-ingrossa, (8),

– Artikolu 4 - Forniment ta’ servizzi tar-roaming bl-imnut regolati, (3),

– Artikolu 7 - Implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-politika ta’ użu ġust u tas-sostenibbiltà, (1) sa (3) u (5). L-eċċezzjoni rigward l-Artikolu 7(1) sa (3) hija mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Ukrajna li timplimenta l-Atti ta’ Implimentazzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ mekkaniżmi tal-politika ta’ użu ġust, il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-forniment ta’ servizzi tar-roaming bl-imnut bi prezzijiet domestiċi u l-applikazzjoni li għandha tiġi ppreżentata minn fornitur tar-roaming għall-fini tal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà,

– Artikolu 8 - Applikazzjoni eċċezzjonali ta’ tariffi supplimentari bl-imnut għall-konsum ta’ servizzi tar-roaming bl-imnut regolati u l-forniment ta’ tariffi alternattivi, (6),

– L-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 16 – Bażijiet tad-data għall-meded tan-numri għas-servizzi ta’ valur miżjud u mezzi ta’ aċċess għas-servizzi ta’ emerġenza,

– Artikolu 20 - Proċedura ta’ kumitat,

– Artikolu 21 - Rieżami,

– Artikolu 23 - Revoka.

F’każ li kwalunkwe tariffa medja bl-ingrossa stabbilita fl-Artikolu 9(1), l-Artikolu 10(1), jew l-Artikolu 11(1), tar-Regolament (UE) 2022/612 tiġi emendata wara deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu

([13]) Id-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta’ networks tal-komunikazzjoni elettronika b’veloċità għolja (ĠU L 155, 23.5.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/61/oj).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2022/612 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ April 2022 dwar ir-roaming fuq networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/612/oj).

4(3) tal-Anness XVII, l-applikazzjoni obbligatorja tagħha għall-finijiet ta' dan il-Ftehim tibda fl-istess data għaż-żewġ Partijiet. Din hija jew id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda/i tar-Regolament (UE) 2022/612 inkella d-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni kompletament konformi tal-Ukrajna li timplimenta l-emenda/i tar-Regolament (UE) 2022/612, wara l-konferma tagħha mill-valutazzjoni skont l-Artikolu 5(4) tal-Anness XVII, skont liema data tkun l-aħħar, jew data tad-dħul fis-seħħ oħra miftiehma miż-żewġ Partijiet biex jiġi evitat l-effett tal-applikazzjoni retroattiva. Sad-data msemmija, it-tariffi li qabel kienu regolati jibqgħu applikabbli għall-finijiet ta' dan il-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 2(2) tal-Anness XVII, fil-każ ta' diskrepanzi bejn it-test tar-Regolament (UE) 2022/612 u l-att(i) li jinkorporah fl-ordni legali tal-Ukrajna, għandu jipprevali t-test tar-Regolament (UE) 2022/612.

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2022/612 għandhom jiġu implimentati fi żmien 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni [1/2023].

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286([15]).

L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha bl-eċċezzjoni ta':

- Artikolu 12 - Ir-rieżami.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 2(2) tal-Anness XVII, fil-każ ta' diskrepanzi bejn it-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2286 u l-att(i) li jinkorporah fl-ordni legali tal-Ukrajna, għandu jipprevali t-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2286.

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2286 għandhom jiġu implimentati fi żmien 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni [1/2023].

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/654([16]).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2021/654 għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej: L-Artikolu 3(2) u (3) jirreferi għar-rati tal-kambju ta' referenza ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2286 tal-15 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' politika tal-użu ġust u dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut u dwar l-applikazzjoni li għandu jressaq fornitur tar-roaming għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni (C/2016/8784) (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 46, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/2286/oj).

([16]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/654 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi rata massima unika għat-terminazzjoni ta' telefonati bil-mobile madwar l-Unjoni u rata massima unika għat-terminazzjoni ta' telefonati fissi madwar l-Unjoni (C/2020/8703) (ĠU L 137, 22.4.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/654/oj).

Sakemm il-Bank Ċentrali Ewropew ma jippubblikax ir-rati tal-kambju għall-hryvnia Ukrena, ir-rati tal-kambju bejn l-euro u l-hryvnia Ukrena ppubblikati mill-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna għandhom jintużaw għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) u (3). Il-perjodi ta' referenza u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) u (3) jibqgħu l-istess.

F'każ li kwalunkwe rata ta' terminazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(1) jew fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2021/654 tiġi emendata wara deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII, l-applikazzjoni obbligatorja tagħha għall-finijiet ta' dan il-Ftehim tibda fl-istess data għaż-żewġ Partijiet. Din hija jew id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda/i tar-Regolament Delegat (UE) 2021/654 inkella d-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni kompletament konformi tal-Ukrajna li timplimenta l-emenda/i tar-Regolament Delegat (UE) 2021/654, wara l-konferma tagħha mill-valutazzjoni skont l-Artikolu 5(4) tal-Anness XVII, skont liema data tkun l-aħħar, jew data tad-dħul fis-seħħ oħra miftiehma miż-żewġ Partijiet biex jiġi evitat l-effett tal-applikazzjoni retroattiva. Sad-data msemmija, ir-rati ta' terminazzjoni li qabel kienu regolati jibqgħu applikabbli għall-finijiet ta' dan il-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 2(2) tal-Anness XVII, fil-każ ta' diskrepanzi bejn it-test tar-Regolament Delegat (UE) 2021/654 u l-att(i) li jinkorporah fl-ordni legali tal-Ukrajna, għandu jipprevali t-test tar-Regolament Delegat (UE) 2021/654.

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2021/654 għandhom jiġu implimentati qabel dawk tar-Regolament (UE) 2022/612 u fi żmien 11-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni [1/2023], bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

– Artikolu 1(2),

– Fir-rigward ta' telefonati nazzjonali li joriġinaw mill-Ukrajna b'numri Ukreni u li jintemmu fiha, l-Artikolu 1(3) għandu jsir applikabbli fi żmien tliet snin mid-data speċifikata f'deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII,

– L-Artikolu 1(4) għandu jiġi implimentat qabel deċiżjoni eventwali mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata trattament tas-suq intern għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII,

– Artikolu 4(2) sa (5),

– Artikolu 5(2).

Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([17]).

L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

([17]) Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1971/oj).

– Artikolu 3 - Objettivi tal-BEREC, (5),
– Artikolu 4 - Kompiti regolatorji tal-BEREC, (4),
– Artikolu 7 - Il-kompożizzjoni tal-Bord tar-Regolaturi, (1) sa (3),
– Artikolu 8 - L-indipendenza tal-Bord tar-Regolaturi,
– Artikolu 11 - Laqgħat tal-Bord tar-Regolaturi, (5),
– Artikolu 12 - Regoli tal-votazzjoni tal-Bord tar-Regolaturi, (2),
– Artikolu 15 - Kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali, (1) sa (3),
– Artikolu 18 - Laqgħat tal-Bord Maniġerjali, (5),
– Artikolu 38 - Kunfidenzjalità, (2),
– Artikolu 40 - Skambju ta' informazzjoni, (1), (2), (4), u (5),
– Artikolu 42 - Dikjarazzjonijiet ta' interessi, (1) u (2).

L-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Ukrajna bir-responsabbiltà primarja li tissorvelja l-operat ta' kuljum tas-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħidma tal-Bord tar-Regolaturi tal-BEREC, il-gruppi ta' ħidma tal-BEREC u l-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC. L-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Ukrajna għandu jkollha l-istess drittijiet u obbligi bħal dawk tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE, ħlief għad-dritt tal-vot u għall-Presidenza tal-Bord tar-Regolaturi u tal-Bord Maniġerjali.

Fid-dawl ta' dan, l-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Ukrajna għandha tkun rappreżentata f'livell xieraq f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1971. F'konformità mar-regoli rilevanti tar-regolamenti tal-UE msemmija hawn fuq, il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC għandhom, skont il-każ, jassistu lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Ukrajna fit-twettiq tal-kompiti tagħha.

L-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Ukrajna għandha tqis bis-sħiħ kwalunkwe linja gwida, opinjoni, rakkomandazzjoni, pożizzjoni komuni u l-aħjar prattiki adottati mill-BEREC bl-għan li tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi. Għall-fini ta' trattament tas-suq intern għar-roaming skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII, l-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Ukrajna għandha tqis bis-sħiħ kwalunkwe linja gwida adottata mill-BEREC bl-għan li tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju dwar ir-roaming u għandha tipprovdi raġunijiet meta tiddevja minn tali linja gwida.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 2(2) tal-Anness XVII, fil-każ ta' diskrepanzi bejn it-test tar-Regolament (UE) 2018/1971 u l-att(i) li jinkorporah fl-ordni legali tal-Ukrajna, għandu jipprevali t-test tar-Regolament (UE) 2018/1971.

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1971 għandhom jiġu implimentati fi żmien 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni [1/2023].